TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/45/14/S

Karen Camilleri
Vs
International Trading Company Limited

Illum 27 ta'Marzu,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Karen Camilleri pprezentata fis-27 ta'Frar,2014 u r-risposta tas-socjeta International Trading Company Limited ipprezentata fis-27 ta'Marzu,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lix-xhieda mressqa, kif ukoll it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tad-29 ta'Jannar,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xiri ta' "switches" u li wara ftit gimghat beda' hiereg likwidu ta' kulur kannella, allegatament sadid minn dawn l-'iswitches';

Illi s-socjeta intimata eccepiet il-preskrizzjoni u dan ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi l-ewwel irid jigi stabbilit minn meta l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tittiehed in kunsiderazzjoni u fin-nuqqas, din l-eccezzjoni ma tregix[1];

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata ma resqitx provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni (kif obbligata taghmel)[2] u cioe dwar jekk sarx xi att gudizzjarju fit-terminu moghti mill-ligi. Li hu zgur hu li d-dokumentazzjoni pprezentata mir-rikorrenti mat-talba taghha jikkonfermaw li mal-ewwel bdiet il-korrispondenza fuq l-ilment odjern. Illi min jallega jrid jipprova u ghalhekk billi tali prova ma saritx, din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda;

Illi fil-mertu, jidher bic-car li "switches" mhux suppost jigrilhom hekk wara biss ftit gimghat li twahhlu;

Illi Dok JC2 jikkonferma li l-likwidu kannella hu sadid wara li l-partijiet ta' gewwa l-'iswitches' issaddu ghax skont il-manifattur, kienu f'ambjent umdu u imxarrab;

Illi anki mir-ritratti pprezentati jidher bic-car li l-imsemmija 'switches' ma kinux adattati ghall-fond in kwistjoni;

Illi t-Tribunal hu tal-fehma li kemm il-konsumatur kif ukoll il-kummercjant ghandhom obbligu li jaghtu lil xulxin informazzjoni ezatta u bizzejjed biex issir l-ahjar ghazla ghall-oggetti mertu tat-transazzjoni bejniethom;

Illi dan jidher li ma sarx f'dan il-kaz;

[1] **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr.Maria Deguara et noe"**, deciza fit-30 t'Ottubru,2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imh.JR Micallef) u **"Quintano vs Calleja et"**, deciz mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'April,1993.

[2] **"Luciano Martinelli noe vs Savious Pisani"**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta'Gunju,2005 (Imh.Philip Sciberras).

Illi r-rikorrenti kellha tkun certa li l-'iswitches' maghzula jkunu adatti ghal dar li mir-ritratti pprezentati minnha stess, tidher li hi antika;

Illi anki l-persuna li stallat dawn l-'iswitches' seta' jinduna li dawn ma kinux adatti ghall-post in kwistjoni;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta u fl-intier taghha ghandha tigi milqugha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Karen Camilleri limitatament kif fuq spjegat filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta International Trading Company Limited u Jordna lis-socjeta International Trading Company Limited thallas lil Karen Camilleri is-somma ta' €170 stabbilita ex aequo et bono minn dan it-Tribunal, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru